MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 333/2009

**BANK OF VALLETTA p.l.c**

vs

Paul u Diane miżżewġin **CUTAJAR** u Maria Carmela Cutajar

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors maħluf imressaq fit-2 ta' April, 2009, li bih is-soċjeta' rikorrenti, għar-raġunijiet hemm imfissra talbet li din il-Qorti:

( i ) Tiddikjara u tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq imsemmija

(u hawn esebiti bħala Dokument “A sa D”) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Paul u Diane miżżewġin Cutajar u Maria Carmela Cutajar (a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratti, (b) kienu inadempjenti f’obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratti sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanżi ta’ l-istess Paul u Diane miżżewġin Cutajar u Maria Carmela Cutajar li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilita’ tal-ħlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-soċjeta’ attriċi.

( ii ) Tikkundanna lil Paul u Diane miżżewġin Cutajar flimkien u “in solidum” jħallsu lis-soċjeta’ attriċi s-somma ta’ mitejn u sebgħa u erbgħin elf, ħames mija u erbgħin euro u disgħa u tletin ċenteżmu (€247,540.39) bilanċ għad-debitu fil-“*Loan u L-Overdrafts Account*” ta’ Paul u Diane miżżewġin Cutajar mal-Bank of Valletta p.l.c (Dok. “E1 sa E119”, “F1 sa F3”, “G1 sa G3”) flimkien ma’ l-imgħax ulterjuri mill-11 ta’ Frar 2009 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

( iii ) Tikkundanna lil Maria Carmela Cutajar tħallas lis-soċjeta’ attriċi s-somma ta’ mija u sitta u erbgħin elf, disa’ mija u disgħa u sebgħin euro (€146,979) parti mill-bilanċ għad-debitu fil-“*Loan u L-Overdrafts Account*” ta’ Paul u Diane miżżewġin Cutajar mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. “E1 sa E119”, “F1 sa F3”, “G1 sa G3”) flimkien ma’ l-imgħax ulterjuri mill-15 t’Ottubru 2008 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Rat illi r-rikors ġie debitament notifikat lill-intimati li naqsu li jippreżentaw risposta fiż-żmien mogħti lilhom mil-liġi u hekk baqgħu kontumaċi;

Semgħet ix-xhieda tas-soċjeta’ rikorrenti;

Semgħet l-Avukat tas-soċjeta’ rikorrenti;

Eżaminat l-atti tar-rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-Rikors jirriżultaw mistħoqqa;

Fil-Kontumaċja tal-intimati taqta’ u tiddeċiedi billi:

**Tilqa’ l-ewwel talba** tas-soċjeta’ rikorrenti kif dedotta fir-Rikors u ssib li seħħet waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratti tat-12 ta’ Mejju, 1982, tas-16 ta’ Ġunju, 1988, u tas-26 ta’ Lulju, 1996, billi l-imħarrkin Paul u Diane miżżewġin Cutajar u l-imħarrka Maria Carmela Cutajar naqsu li jħallsu regolarment u fiż-żmien li fih intrabtu li jagħmlu dan mal-Bank attur; billi l-istess imħarrkin naqsu li jwettqu l-obbligi l-oħrajn li ntrabtu bihom; u billi seħħew bidliet materjali fiċ-ċirkostanżi tal-istess imħarrkin li jolqtu ħażin il-possibilta’ tal-ħlas lura tad-debitu lill-istess Bank attur;

**Tilqa’ t-tieni talba** attriċi billi tikkundanna lill-imħarrkin Paul u Diane miżżewġin Cutajar, flimkien u solidalment bejniethom, biex iħallsu lill-Bank attur is-somma ta’ mitejn u sebgħa u erbgħin elf, ħames mija u erbgħin euro u disgħa u tletin ċenteżmi (€247,540.39) bilanċ għad-debitu fil-“*Loan u l-Overdraft Account*” tagħhom, flimkien mal-imgħax legali ulterjuri fuq dik is-somma b’seħħ mill-11 ta’ Frar, 2009, sal-jum tal-ħlas effettiv;

**Tilqa’ t-tielet talba** attriċi billi tikkundanna lill-imħarrka Maria Carmela Cutajar tħallas lill-Bank attur is-somma ta’ mija u sitta u erbgħin elf, disa’ mija u disgħa u sebgħin euro (€146,979), rappreżentanti l-biċċa mid-debitu sħiħ fuq imsemmi li għalih l-istess imħarrka daħlet bħala garanti solidali mal-imħarrkin l-oħrajn, flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq dik is-somma b’seħħ mill-15 ta’ Ottubru, 2008, sal-jum tal-ħlas effettiv; u

Tikkundanna lill-imħarrkin, flimkien u solidalment bejniethom, biex iħallsu **l-ispejjeż tal-kawża**.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------